# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum, 27 ta' Mejju, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Philip Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Philip Cachia, ta' 46 sena, bin Victor u Monica nee' Ancilleri, imwieled Pieta' nhar it-3 t'Awwissu 1974, residenti fil-fond Blk 13, Bieb B, Flat 10, Triq il-Kampanella, San Gwann u detentur tal-karta ta' l-identita numru 369974(M).

Akkuzat talli nhar id-9 t'April, 2021 ghal-habta ta'-10:30pm u fil-granet ta' qabel gewwa Safi u diversi postijiet gewwa dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:-

1. B'intenzjoni li jikkawza dwejjaq, hsara emozzjonali jew hsara ta' kull xorta, ha u/jew zvela xi ritratt/i jew xi film sesswali privat minghajr il-kunsens ta' Maria Cocker.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skond Art 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Maria Cocker jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Philip Cachia billi tapplika l-Artikoli 382A et eq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputat ma kelliux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentment pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat min-naha, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-parte leza hafret lill-imputat u iddikjarat li m'ghandhiex aktar interess f'dawn il-proceduri u l-fatt li l-imputat u l-parte leza rrikonciljaw u regghu qeghdin f'relazzjoni f'liema cirkostanzi m'hemmx lok ghal xi provedimenti ai termini ta'l-artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18 u 208E(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta’ erbat elef Ewro (€4,000) li ghandha tithallas fi zmien tmintax il-xahar.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**